MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 139/2015 LM

**Pierre Debono (K.I. Numru 356466M), Paul Sammut (K. I. Numru 158380M) u Ivan Spiteri Lucas (K.I. Numru 142570M)**

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta, Central Cement Limited (C6108) u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2015 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Ports Foremen Co-Operative Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Frar, 2015 mill-atturi **Pierre Debono** (K.I. Numru 356466M), **Paul Sammut** (K.I. Numru 158380M) u **Ivan Spiteri Lucas** (K.I. Numru 142570M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Ivan Spiteri Lucas, li jgħid kif ġej:

*Illi r-rikorrenti huma 'Foremen' liċenzjati tax-Xatt bil-liċenzja maħruġa sal-aħħar tal-2015 u huma liċenzjati biss biex jaħdmu x-xogħol tas-Central Cement Limited li jinħatt fit-terminal operat minnhom iżda mingħajr restrizzjoni oħra;*

*Illi l-intimati Central Cement infurmaw lir-rikorrenti illi huma ġew infurmati illi jekk ikunu mqabbdin l-istess rikorrenti biex jagħmel xogħol ta' 'foreman' meta jkun hemm ħatt ta' merkanzija mhux konsistenti minn siment, il-port workers ma jagħtux servizz u dan fuq direttiva tal-intimati Awtorità għat-Trasport f'Malta;*

*Illi din l-azzjoni mill-intimati ma għandha ebda bażi fid-dritt stante illi l-liċenzja maħruġa lir-rikorrenti ma fiha ebda restrizzjoni għajr illi (testwalment) "Din il-liċenzja hi valida biss għax-xogħol fil-port li jsir fit-terminal operat mis-Central Cement Limited."*

*Illi dan l-aġir da parti tal-intimati Awtorità għat-Trasport f'Malta (l-intimati Central Cement huma mħarrkin peress illi r-relazzjoni kummerċjali tar-rikorrenti hi magħhom iżda hu mifhum illi l-istess intimati Central Cement ma għandhomx wisq kontroll fuq is-sitwazzjoni) ma hux leċitu fl-ambitu kummerċjali liberu li għandna ngħixu fih fl-2015 u wassal biex s'issa r-rikorrenti tilfu introjtu rigwardanti diversi vjaġġi u ser jitilfu aktar fil-futur jekk ma jingħatawx rimedju;*

*Illi dan l-aġir, li apparti kif ingħad mhuwiex leċitu, jikkostitwixxi nuqqas da parti tar-regolatur, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li jassigura li ma jkunx hemm ksur ta' drittijet, qiegħed iwassal biex l-esponenti jitilfu xogħol u introjtu kif ġa ntqal;*

*Għaldaqstant ir-Rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom hu illegali;*
2. *Tordna illi l-intimati jew min minnhom jiddeżisti minn tali aġir;*
3. *Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrenti;*
4. *Tordna l-ħlas ta' tali danni mill-intimati jew min minnhom in solidum lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Central Cement Limited** (C6108), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minn John Mary Sammut, li biha eċċepiet:

*1. Illi t-talbiet in kwantu diretti lejha huma infondati fil-fatti u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż għas-segwenti raġunijiet:*

*2. Li filwaqt li tikkonferma li hi topera moll magħruf bħala Fuel Wharf ġewwa l-Marsa, li ma għandha l-ebda restrizzjoni fuq il-merkanzija li hi tista' tħott u li r-rikorrenti huma Port Foremen assenjati lis-soċjetà eċċipjenti, hi ma għandha l-ebda oġġezzjoni li tuża s-servizzi tar-rikorrenti, kif għamlet fil-passat għall-ħatt ta' merkanzija li ma tikkonsistix f'siment jew prodotti tas-siment;*

*3. Illi s-soċjetà eċċipjenti ġiet inibita milli tagħmel użu mis-servizzi tar-rikorrenti mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta meta ġiet mgħarrfa li jekk ma tagħmilx użu mill-foremen tal-Ports Foremen Co-Operative Limited, il-kumpannija Central Cement Limited ma tingħatax servizz ta' Port Workers biex iħottu l-merkanzija li ma tikkonsistix f'siment jew prodotti tas-siment;*

*4. Li din hija theddida serja ħafna tant li s-soċjetà eċċipjenti, kontra l-fehma u l-volontà tagħha, kellha ċċedi għal dan ir-rikatt u minnufih bdiet tagħmel użu mill-foremen tal-Ports Foremen Co-Operative Limited, għall-ħatt ta' merkanzija li ma kinitx tikkonsisti f'siment jew prodotti tas-siment u tuża lir-rikorrenti biss għall-ħatt ta' merkanzija konsistenti f'siment jew prodotti tas-siment;*

*5. Illi s-soċjetà eċċipjenti ma għandhiex kontroll fuq is-sitwazzjoni u għalhekk dawn il-proċeduri fil-konfront tagħha ġew ippreżentati inutilment;*

*6. Illi għar-raġunijiet esposti s-soċjetà eċċipjenti ma għandhiex tbati spejjeż għal dawn il-proċeduri.*

*Dikjarazzjoni tas-soċjetà intimata u John M Sammut għan-nom tagħha fil-vesti ta' Direttur tal-istess soċjetà jiddikjara bil-ġurament tiegħu:*

*Li d-deċiżjoni li s-soċjetà intimata ma tagħmilx użu mis-servizzi tar-rikorrenti ma kinitx deċiżjoni libera tagħha u kienet imposta fuqha mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-Awtorità konvenuta **l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minn Dr Christopher Spiteri, kif debitament awtorizzat, li permezz tagħha eċċepiet:

*1. Qabel xejn, l-atturi jeħtieġ illi jispeċifikaw in-natura tal-kawża li huma intavolaw;*

*2. Preliminarjament, safejn din il-kawża tidher li qed tattakka direttiva tal-Awtorità esponenti, qed jiġi eċċepit in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' dawn il-proċeduri, liema proċeduri kellhom jiġu intavolati quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu illi l-Awtorità qiegħda taġixxi b'mod illeċitu kif qed jiġi allegat, iżda qiegħda biss twettaq id-doveri u teżerċita l-poteri tagħha skont il-liġi. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda mhux biss għax infondati iżda wkoll għaliex, partikolarment l-ewwel żewġ talbiet, huma immirati sabiex ixekklu lill-Awtorità milli tuża d-diskrezzjoni tagħha skont il-liġi;*

*4. Illi wkoll, għar-raġunijiet imsemmija l-Awtorità ma hijiex responsabbli għal ebda ħlas ta' danni;*

*5. Illi, f'kull każ, l-atturi jeħtieġ li jindikaw u jippruvaw l-entità ta' danni li huma verament sofrew;*

*6. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jidher li l-ilment tal-atturi huwa fis-sens illi huma qed jitilfu xogħol u introjtu illi, minflok qegħdin igawdu minnu foremen oħrajn. Bħala fatt, il-bqija tal-foremen jaġixxu tramite entità jisimha Ports Foremen Cooperative Limited (Reg. 95). Għalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li l-atturi ħaqqhom xi danni rappreżentanti telf ta' xogħol, hija l-imsemmija Kooperattiva li għandha tħallas lura kwalunkwe ammont li jista' jiġi ordnat minn din il-Qorti. Ikun għalhekk opportun li, għal skopijiet tal-integrità u l-ekonomija tal-ġudizzju, tissejjaħ fil-kawża l-imsemmija Ports Foremen Cooperative Limited;*

*7. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*1.1 Illi qabel xejn, jeħtieġ illi l-atturi jispeċifikaw u jiċċaraw in-natura tal-kawża tagħhom, u partikolarment jekk din hix kawża ta' reviżjoni amministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, jew xi tip ieħor ta' proċedura (li preżentement mhux ċar x'inhi)!*

*2.1 Illi preliminarjament, din il-Qorti mhijiex il-forum kompetenti sabiex jinstemgħu l-lanjanzi tal-attur;*

*2.2 Illi mhux kontestat illi l-atturi huma foremen liċenzjati tax-Xatt li għandhom liċenzja maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta viġenti sa tmiem l-2015 li tippermettilhom li jaħdmu bħala foremen fit-terminal operat mill-konvenuta l-oħra Central Cement Limited;*

*2.3 Illi l-atturi qed jallegaw illi l-Awtorità esponenti tat direttiva fis-sens illi l-atturi jistgħu biss jaġixxu ta' foremen fl-imsemmi terminal waqt il-ħatt ta' siment, iżda mhux jekk ikun qed jinħatt jew jitgħabba materjal ieħor, anke jekk fit-terminal ta' Central Cement Limited;*

*2.4 Illi billi l-atturi qegħdin jippruvaw jattakkaw deċiżjoni amministrattiva meħuda minn awtorità pubblika, kellha tiġi segwita l-proċedura appożita stabbilita fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*2.5 Illi ai termini tal-att imsemmi, huwa t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva illi għandu l-kompetenza sabiex 'jirrevedi atti amministrattivi' inkluż kwalunkwe 'ordni, liċenzja, permezz, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba' u għalhekk bir-rispett qed tiġi eċċepita n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*3.1 Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, mhux minnu illi l-Awtorità aġixxiet b'xi mod illeċitu jew kontra l-liġi;*

*3.2 Illi kif ser jiġi ppruvat, fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet li ħadet medda ta' snin mid-disgħinijiet 'il quddiem, il-foremen liċenzjati tax-Xatt, li xogħolhom huwa li jissuperviżjonaw u jorganizzaw ix-xogħol ta' tagħbija u ħatt tal-merkanzija fil-port, kienu organizzaw ruħhom f'Koperattiva li tagħti s-servizzi tagħha lill-operaturi fil-portijiet ta' Malta. Dan ġie rikonoxxut fi ftehim tat-2 ta' Frar, 2008 bejn l-Union Ħaddiema Magħqudin (in rappreżentanza tal-Foremen) u l-Awtorità Marittima ta' Malta li dak iż-żmien kienet responsabbli minn ħwejjeġ marittimi u portwali (kopja tal-ftehim annessa bħala Dok. TM 1);*

*3.3 Fit-8 ta' Jannar, 2009 l-Awtorità Marittima ta' Malta daħlet fi ftehim mal-imsemmija Koperattiva li jirregola s-servizzi li kellhom jingħataw mill-membri tal-Koperattiva (Dok. TM2);*

*3.4 Ai termini tal-ftehim imsemmi, l-atturi, li huma tliet foremen mill-complement sħiħ ta' tlettax – ġew allokati lil Central Cement Limited u kellhom jaħdmu biss xogħol ta' din il-kumpannija meta jinħattu cement based products fi Fuel Wharf;*

*3.5 Dan il-ftehim qatt ma ġie attakkat ġudizzjalment mill-atturi jew minn Central Cement Limited, u dan minkejja li mhux biss kienu jafu bih, imma talli għal diversi snin ġew segwiti anke minnhom. Kemm hu hekk, se jintwera li konsistentement mill-2009 'l quddiem, merkanzija li ma kinitx tikkonsisti f'siment ma kinitx 'tinħadem' mill-atturi iżda minn foremen oħrajn membri tal-Koperattiva;*

*3.6 Mat-twaqqif tagħha fl-2010 ai termini tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità esponenti wirtet id-doveri u l-poteri ta' dik li kienet l-Awtorità Marittima ta' Malta, inkluż dawk li tassigura li x-xogħol tal-port isir, u jsir b'mod effiċjenti u sikur skont il-liġi. L-Awtorità ssostni illi hija dejjem imxiet fl-ambitu u fl-arġini ta' dawn l-obbligi tagħha;*

*3.7 Għalhekk l-ewwel żewġ talbiet għandhom jiġu miċħuda għaliex l-esponenti ma tistax tiġi mxekkla u wisq anqas 'ordnata tiddeżisti' milli teżerċita d-dmirijiet u l-funzjonijiet tagħha skont il-liġi;*

*4.1 Illi fid-dawl tal-fatti fuq spjegati, l-Awtorità ttenni li ma wettqet ebda att illeċitu jew xi nuqqas fil-konfront tal-atturi;*

*4.2 Isegwi illi ebda danni ma huma dovuti minnha;*

*5.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi mhux biss jeħtiġilhom jippruvaw ir-responsabbilità tal-eċċipjenti għad-danni pretiżi, iżda għandhom iressqu wkoll prova tal-quantum tad-danni msemmija;*

*6.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ssostni li għandha tissejjaħ fil-kawża il-Ports Freeman Cooperative Limited (Reg. 95);*

*6.2 L-atturi qed jallegaw illi huma qed jitilfu xogħol u introjtu illi, minflok, qegħdin igawdu minnu foremen oħrajn. Kif ġia ġie spjegat, il-bqija tal-foremen jaġixxu tramite entità jisimha 'Ports Foremen Cooperative Limited' (Reg. 95). Għalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li l-atturi ħaqqhom xi danni rappreżentanti telf ta' xogħol, hija l-imsemmija Koperattiva li għandha tħallas lura kwalunkwe ammont li jista' jiġi ordnat minn din il-Qorti u mhux l-Awtorità esponenti. Ikun għalhekk opportun li, għal skopijiet tal-integrità u l-ekonomija tal-ġudizzju, tissejjaħ fil-kawża l-imsemmija 'Ports Foremen Coooperative Limited' sabiex tirrispondi hija wkoll għat-talbiet tal-atturi;*

*7.1 Illi ai termini tal-artikolu 158(3) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti allegati huma ikkontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi li r-rappreżentanti tagħha huma minn issa imsejħa għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Ports Foremen Cooperative Limited** (Reg. 95), li ġiet kjamata fil-kawża b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2015, (minn issa 'l quddiem "il-kjamata fil-kawża"), li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Mejju, 2015 u maħlufa minn George Portelli, li biha eċċepiet:

1. *Illi jirriżulta in ictu oculi illi l-atturi jonqsu milli jispeċifikaw in-natura tal-kawża li huma intavolaw u dana għar-raġuni li assolutament mhuwiex ċar mir-rikors promutur hijiex kawża ta' reviżjoni amministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jew xi tip ieħor ta' proċedura;*
2. *Illi preliminarjament, l-eċċipjenti kjamata in kawża, mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha għaldaqstant tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi d-direttiva/deċiżjoni lamentata da parti tal-atturi (li hija ta' natura amministrattiva) u li fuqha hija msejsa din il-kawża ngħatat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u mhux mill-eċċipjenti kjamata fil-kawża. L-eċċipjenti kooperattiva m'għandhiex is-setgħa li tagħti tali direttiva/deċiżjoni u għaldaqstant għandha titqies estranea in kwantu għat-talbiet attriċi;*
3. *Illi l-eċċipjenti, mingħajr preġudizzju għas-suespost, tirrileva wkoll li ma tistax titqies li tista' toffri ebda tip ta' rimedju għat-talbiet attriċi;*
4. *Illi prelimarajament ukoll, l-eċċipjenti umilment tirrileva in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' l-proċeduri odjerni u dan għaliex tali proċeduri kellhom jiġu intavolati quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa ai termini tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li d-direttiva/deċiżjoni li qed tiġi attakkata hija waħda ta' natura amministrattiva;*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex se mai id-direttiva mogħtija da parti tal-Awtorità konvenuta hija waħda leċita li l-Awtorità, bħala suċċessur fil-jeddijiet u fir-responsabbiltajiet tal-Awtorità Marittima ta' Malta, għandha d-dover li tagħti u dan anke in vista tal-ftehim bejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ġia l-Malta Maritime Authority, u l-Kooperattiva eċċipjenti;*
6. *Illi wkoll, għar-raġunijiet suesposti l-eċċipjenti ma tistax titqies responsabbli ta' ħlas ta' danni meta t-telf ta' xogħol lamentat qiegħed jiġi kkaġunat minn Direttiva maħruġa mill-Awtorità konvenuta.*
7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-partijiet l-oħra fil-kawża skont il-Qorti jidhrilha opportuni.*

*Dikjarazzjoni tal-fatti tal-Ports Foremen Cooperative Limited (Reg. 95)*

1. *Illi fil-mertu tal-kawża l-eċċipjenti kjamata fil-kawża tirrileva li hija koperattiva magħmula minn numru ta' foremen liċenzjati tax-Xatt li ai termini ta' ftehim (ftehim li sar fil-qafas ta' bidliet li kienu saru dak iż-żmien dwar ix-xogħol fil-Port il-Kbir u ta' ftehim kollettiv li kien għadu kif daħal fis-seħħ) iffirmat mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ġia Malta Maritime Authority, fit-2 ta' Frar tas-sena 2008, hawn anness u mmarkat bħala "Dok. PFC 1", hija qablet li tidħol f'Service Level Agreement mal-operaturi tat-terminals ta' kwalunkwe port, minbarra dak tal-Malta Freeport Terminals Limited u li l-miżati tal-foremen għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħol domestiku kienu ser jiġu stabbiliti mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta gia Malta Maritime Authority;*
2. *Illi l-eċċipjenti tirrileva li bis-saħħa ta' ftehim iffirmat bejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ġia Malta Maritime Authority, u s-soċjetà Central Cement Limited fis-sena 1995, liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dok. PFC 2", l-Awtorità kienet tat konċessjoni temporanja lis-soċjetà konvenuta sabiex twaqqaf silos jew imħażen tas-siment ('demountable cement storage facility') f'naħa ta' Fuel Wharf, u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet li biex twettaq il-ħidma tal-ħatt u żamma ta' silos, is-soċjetà konvenuta riedet tagħmel dan billi tinqeda bil-ħidma ta' ħaddiema tal-port skont il-liġi fis-seħħ u skont il-prattiki portwali ta' dak iż-żmien;*
3. *Illi bis-saħħa ta' ftehim addizzjonali li kien sar fit-8 ta' Jannar tas-sena 2009, hawn anness u mmarkat bħala "Dok. PFC 3", bejn l-eċċipjenti u l-Awtorità, sar qbil (jew aħjar ingħatat konċessjoni da parti tal-eċċipjenti) fost ħwejjeġ oħra, li l-atturi proprio, li mhumiex membri fil-kooperattiva eċċipjenti iżda huma tliet foremen mill-complement sħiħ ta' tlettax, tinħarġilhom liċenzja mill-Awtorità sabiex jipprovdu servizzi biss lis-soċjetà konvenuta Central Cement Limited, skont ftehim li kellu jsir għal dan il-għan bejniethom u l-istess soċjetà konvenuta Central Cement Limited;*

4. *Illi ma hemm alcun dubbju li l-liċenzja tal-atturi kienet tirrigwarda esklussivament il-ħatt minn fuq bastimenti ta' 'cement based products' għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta Central Cement Limited ġewwa Fuel Wharf fil-Marsa biss;*
5. *Illi l-ftehim tal-2009 qatt ma ġie kkontestat jew attakkat ġudizzjarjament kemm mill-atturi jew mis-soċjetà konvenuta. Di fatti s-soċjetà Central Cement Limited għarfet fil-prattika dak li l-Awtorità u l-Kooperattiva qablu dwaru fis-sena 2009 u baqgħet twettqu. Da parti tagħhom l-atturi kienu jafu bil-ftehim u li s-soċjetà konvenuta Central Cement Limited kienet qed tirrispettah u għal snin twal qatt ma ressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom. Fil-fatt sa minn meta sar il-ftehim bejn l-Awtorità konvenuta u l-kooperattiva eċċipjenti fl-2009, ħarset dak il-ftehim u nqdiet b'foremen tal-kooperattiva għal xogħol ta' ħatt minn fuq bastimenti b'merkanzija li ma kinitx siment;*
6. *Illi d-direttiva lamentata, li fl-umli fehma tal-eċċipjenti hija leġittima, ngħatat minn terzi u għaldaqstant fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet, l-eċċipjenti tirrileva ma jistax jitqies li kien hemm xi aġir illegali da parti tagħha u konsegwentement ma tistax tiġi ordnata tiddeżisti;*
7. *Illi in vista tal-fatt li l-eċċipjenti ma wettqet ebda att illeċitu jew xi nuqqas fil-konfront tal-atturi, isegwi li l-ebda danni ma huma dovuti minnha lill-atturi. Inoltre hija ċertament ma tista' qatt tinżamm responsabbli għal danni rappreżentanti telf ta' xogħol għaliex finalment hija l-Awtorità li għandha l-poter u anke d-dover li tiddeċiedi minn min jinħadem ix-xogħol;*
8. *Illi fir-rigward tad-danni pretiżi da parti tal-atturi, l-eċċipjenti tirrileva li minbarra l-ħtieġa li jippruvaw ir-responsabbilità tal-eċċipjenti għad-danni, l-atturi jeħtiġilhom ukoll iressqu prova tal-kwantu tad-danni msemmija;*
9. *Illi ai termini tal-artikolu 158(3) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, qiegħed jiġi dikjarat illi l-fatti allegati da parti tal-atturi huma ikkontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-partijiet l-oħra fil-kawża skont ma l-Qorti jidhrilha opportun.*

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija minnha fl-14 ta' Ottubru, 2015 fejn ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, kif ukoll l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà msejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited, fejn stabbiliet illi l-kawża odjerna hija waħda *sui generis* u li din mhix kawża rikonduċibbli taħt xi artikolu partikolari tal-liġi, la taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas taħt il-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li f'dak l-istadju pjuttost bikri tal-kawża, ma setax jiġi stabbilit min mill-konvenuti kien responsabbli għat-teħid

tad-deċiżjoni li qegħdin jilmentaw minnha l-atturi, u li l-aġir li qegħdin jilmentaw minnu l-atturi mhux neċessarjament huwa konsegwenza ta' xi att amministrattiv, iżda jista' jkun li ġie mmotivat minn interessi privati. Kien għalhekk li ġie deċiż li l-kawża għandha tkompli tinstema' minnha.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-Awtorità konvenuta kienet ħarġet liċenzja lill-atturi sabiex jaħdmu bħala *foremen* tax-Xatt limitatament mas-soċjetà konvenuta Central Cement Limited, li bħala kumpannija timporta s-siment, prodotti bbażati fuq is-siment, kif ukoll materjal ieħor bħalma hu ramel u żrar. Għal għadd ta' snin sa mit-twaqqif tagħha fl-1982, is-soċjetà konvenuta ħadmet b'*foremen* (li wħud minnhom huma axxendenti ta' wħud mill-atturi) li kienu jagħmlu kull tip ta' xogħol, inkluż il-ħatt ta' materjal li mhux siment. Madanakollu bir-riforma fil-portijiet u bl-organizzazzjoni tal-*foremen* tax-xatt f'Kooperattiva, jidher li saru diversi ftehim, uħud minnhom mar-regolatur, il-Malta Maritime Authority (li llum il-funzjonijiet tagħha jaqgħu taħt direttorat fi ħdan l-Awtorità konvenuta,

Transport Malta), bl-involviment tal-unions, liema ftehim jistabbilixxu li l-*foremen* tax-Xatt ser ikunu qegħdin jingħaqdu f'Kooperattiva, u li x-xogħol fil-portijiet kollha ta' Malta bl-esklusjoni tal-Malta Freeport Terminals, ser jinħadem minnhom. Is-soċjetà konvenuta Central Cement Limited ma kinitx parti minn dan il-ftehim, u kienet talbet il-ħruġ ta' liċenzja lit-tliet *foremen* li kienu jaħdmu għaliha fuq bażi *self-employed*, sabiex dawn ikunu jistgħu jibqgħu jfornu s-servizzi tagħhom lilha. Fil-fatt it-tliet *foremen,* l-atturi f'dawn il-proċeduri, ngħataw liċenzja mill-Awtorità konvenuta fl-2008, li tillimitahom għax-xogħol fil-Port li jsir fit-*terminal* operat minn Central Cement Limited.

Irriżulta li għall-perijodu kollu bejn il-ħruġ tal-liċenzja fl-2008 u Marzu tal-2014, Central Cement Limited kienet taħdem ix-xogħol tas-siment permezz tat-tliet atturi f'dawn il-proċeduri, filwaqt li għall-ħatt tal-merkanzija l-oħra kollha, kienet tuża l-*foremen* tal-Kooperattiva, b'tali mod li anki jekk ma kinitx firmatarja tal-ftehim li sar riferiment ampju għalih fix-xhieda li nstemgħet minn din il-Qorti, is-soċjetà konvenuta taċitament kienet qiegħda tattwa dak li kien miftiehem bejn l-Awtorità, il-Gvern u l-Kooperattiva. Madanakollu rriżulta li għal xi żmien fl-2014 is-soċjetà konvenuta kienet talbet lill-atturi jibdew jissorveljaw il-ħatt tal-merkanzija kollha li kienet impurtata minnha, u dan wassal għall-ħruġ ta' direttiva minn Transport Malta fis-sens li jekk Central Cement Limited kienet ser tuża l-atturi għal xogħol li ma jkunx siment, hi ma kinitx ser tibgħat ħaddiema tax-Xatt iħottu l-merkanzija minn fuq il-vapuri. Central Cement Limited issostni li dan kollu jammonta għal theddid, għax jekk hi ma kinitx ser tuża l-*foremen* tal-Kooperattiva, kienet ser tispiċċa f'sitwazzjoni fejn ma tistax tkompli bl-operat tagħha, u kien għalhekk li kienet kostretta twaqqaf lill-atturi milli jkomplu jagħmlu xogħol li mhux relatat mas-siment, sabiex dan ix-xogħol isir mill-*foremen* tal-Kooperattiva.

L-atturi jilmentaw li d-direttivi mogħtija minn Transport Malta qed jikkawżawlhom danni konsistenti f'telf ta' introjtu, li issa qiegħed imur fil-bwiet tal-*foremen* tal-Kooperattiva, u talbu lil din il-Qorti tippronunzja ruħha dwar id-danni kkawżati u dwar il-fatt li huma sofrew u għadhom qegħdin isofru danni minħabba l-impożizzjonijiet ta' Transport Malta fuq l-operatur li huma 'jaħdmu' miegħu. L-atturi huma *self-employed*, però jaħdmu esklussivament għal Central Cement Limited.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-Risposta Maħlufa tagħha, is-soċjetà konvenuta **Central Cement Limited** ippreżentat kopja ta' ittra mibgħuta minnha lil-*Legislation and Compliance Manager* fi ħdan l-Awtorità konvenuta[1] u dan b'riferiment għal din il-kwistjoni, fejn l-Awtorità konvenuta ġiet infurmata li ma jeżisti l-ebda ftehim li jistabbilixxi li l-*foremen* assenjati ma' Central Cement Limited għandhom jaħdmu biss fir-rigward ta' merkanzija konsistenti f'siment u prodotti bbażati fuq is-siment. F'din l-ittra sar riferiment wkoll għall-fatt li din id-direttiva mogħtija mill-Awtorità konvenuta tikser il-liġi Maltija u l-liġi Ewropea.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll kopja ta' ittra oħra[2], mibgħuta liċ-Chairman tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fejn għal darb'oħra sar riferiment għall-fatt li s-soċjetà konvenuta għandha ftehim li topera l-moll magħruf bħala *Fuel Wharf* fil-Marsa, u li hija m'għandha l-ebda restrizzjoni

[1] *A fol.* 19 tal-proċess, ittra datata 24 ta' Ottubru, 2014.
[2] *A fol.* 20 tal-proċess, ittra datata 25 ta' Novembru, 2014.

għall-ħatt ta' merkanzija fuq l-istess moll. F'din l-ittra sar riferiment għall-kwistjoni li nqalgħet bejn is-soċjetà konvenuta u l-Awtorità konvenuta, fejn kien hemm insistenza da parti ta' Transport Malta li għall-ħatt ta' merkanzija li mhijiex siment jintużaw *foremen* tal-Kooperattiva konvenuta, u li wassal sabiex vapur li kellu jidħol dakinhar stess, kien ser jibqa' maqbud mal-moll minħabba tali impożizzjoni. Is-soċjetà konvenuta kienet ser tinkorri spejjeż addizzjonali minħabba li ma kellhiex bżonn tingaġġa *foremen* tal-Kooperattiva ladarba kellha l-*foremen* assenjati lilha minn Transport Malta għax-xogħol ta' ħatt ta' merkanzija, iżda sabiex jitnaqqas ir-riskju li s-soċjetà konvenuta tesponi ruħha għal aktar danni, ġie deċiż li għall-ħatt tal-vapur li kien daħal dakinhar stess li kellu fuqu mitt tunnellata merkanzija li ma kinitx tikkonsisti f'siment, kienu ser jintużaw il-*foremen* tal-Kooperattiva flimkien mal-*foremen* assenjati mas-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll kopja ta' ittra[3] mibgħuta lilha mill-Awtorità konvenuta fejn sar riferiment għal din il-kwistjoni, u fejn għal darb'oħra intqal lilha li:

> *'The Authority is hereby officially directing you that as of the 1st of November, 2014, the three (3) Foremen assigned to Central Cement Limited should only be employed in the handling of vessels loaded with cement and cement based products. With respect to any other cargo, the Foremen of the Port Foremen Cooperative Ltd should always be employed. This is in line with the provisions of the agreements currently in place and with the arrangements that existed before the dispute arose.'*

L-Awtorità konvenuta, min-naħa tagħha, esebiet kopja tal-ftehim tat-2 ta' Frar, 2008[4], bejn min-naħa l-waħda l-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjonijiet ta' dak iż-żmien u l-Union Ħaddiema Magħqudin, fir-

[3] *A fol.* 21 tal-proċess, ittra datata 23 ta' Ottubru, 2014.
[4] *A fol.* 30 tal-proċess.

rigward tal-ħaddiema tal-portijiet, u li permezz ta' dan il-ftehim ġiet imwaqqfa l-Kooperattiva li kellha tiġbor fi ħdanha l-*foremen* liċenzjati rappreżentati mill-Union Ħaddiema Magħqudin.

Il-Qorti kkunsidrat l-*affidavits* li ġew ippreżentati, fosthom dak tal-attur **Ivan Spiteri Lucas**[5], li xehed li hu ilu jaħdem bħala *foreman* fil-Port b'liċenzja maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta sa mis-26 ta' Diċembru, 2008, u li flimkien maż-żewġ atturi l-oħrajn dejjem ħadmu għal Central Cement Limited. Ix-xhud qal li x-xogħol tiegħu jikkonsisti fis-sorveljanza u t-tmexxija responsabbli ta' ħatt ta' merkanzija minn fuq vapuri li jsorġu mal-moll ta' Fuel Wharf li jinsab fil-Port il-Kbir, u li għal dan ix-xogħol jitħallas bir-rata ta' €0.399 għal kull tunnellata li tkun qiegħda tinħatt, skont it-tariffi stabbiliti. Spiteri Lucas kompla jgħid li fil-11 ta' Marzu, 2014, is-soċjetà konvenuta Central Cement Limited kienet infurmat lill-*Ports Foremen Cooperative Limited* li ma kinitx ser tibqa' tuża s-servizzi tagħha u li kienet ittieħdet deċiżjoni minnha li għal kull tip ta' xogħol impurtat, anki dak li mhux siment, kienu ser jitqabbdu l-atturi. Preċedentement, bejn l-1 ta' Jannar, 2009 u l-11 ta' Marzu, 2014, is-soċjetà konvenuta kienet tqabbad lil *Ports Foremen Cooperative Limited* għal kull xogħol ta' ħatt li ma kienx jinvolvi prodotti tas-siment. Ix-xhud qal li għall-perijodu kollu bejn il-11 ta' Marzu, 2014 u l-4 ta' Novembru, 2014, hu, flimkien mal-atturi l-oħrajn, kienu jitqabbdu jagħmlu xogħol fuq kull tip ta' merkanzija li kienet timporta s-soċjetà konvenuta, sakemm fil-bidu ta' Ottubru, 2014 kien hemm diżgwid bejn Transport Malta, Central Cement Limited, il-UĦM u l-*Ports Foremen Cooperative Limited,* u wara l-4 ta' Novembru, 2014, l-atturi ma tqabbdux aktar mis-soċjetà Central Cement Limited biex jagħmlu xogħol ta'

[5] *A fol.* 146 tal-proċess.

ħatt ta' merkanzija li ma tkunx tikkonsisti fi prodotti tas-siment. Ix-xhud qal ukoll li hu infurmat illi fil-25 ta' Novembru, 2014, is-soċjetà konvenuta Central Cement Limited ġiet inibita milli tagħmel użu mis-servizz tal-atturi għal kull tip ta' merkanzija li mhix siment u dan kontra l-fehma u l-volontà tagħha, u li l-unika tip ta' merkanzija li tista' tuża s-servizzi tal-atturi għaliha hi merkanzija ta' siment. L-attur Ivan Spiteri Lucas qal li minħabba dawn ir-restrizzjonijiet, hu jistma li bejn il-11 ta' Marzu, 2014 u t-23 ta' Marzu, 2015, hu tilef l-ammont ta' €4,350 bħala danni, liema danni ser ikomplu jikbru fil-futur jekk l-atturi ma jingħatawx rimedju.

Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-liċenzja tiegħu li hija suġġetta għall-kundizzjoni li ma tistax tintiret jew tiġi ttrasferita f'isem terzi, kif ukoll għall-kundizzjoni speċifika li:

> 'Din il-liċenzja hi valida biss għal xogħol tal-port li jsir fit-terminal operat mis-Central Cement Limited.'[6]

Dawn il-fatti kif esposti mill-attur Ivan Spiteri Lucas, ġew ikkonfermati wkoll mill-atturi **Paul Sammut**[7] u **Pierre Debono**[8] permezz ta' żewġ *affidavits* prattikament identiċi għal dik ta' Ivan Spiteri Lucas li ġew ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża.

Fl-udjenza tal-24 ta' Marzu, 2015, il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' *Ports Foremen Cooperative Limited* (il-Kooperattiva) li flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, ippreżentat għadd ta' dokumenti, fosthom kopja tal-ftehim li kien sar bejn il-*Malta Maritime Authority* u s-soċjetà konvenuta Central

---

[6] *A fol.* 4 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 tal-proċess.
[8] *A fol.* 48 tal-proċess.

Cement Limited fit-3 ta' Lulju, 1995[9], li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta kienet ingħatat konċessjoni temporanja ta' sit sabiex jintuża għall-ħażna tas-siment, sabiex dan ikun jista' jiġi impurtat *in bulk.* Ġiet ppreżentata wkoll kopja ta' ftehim [10] li kien sar fit-8 ta' Jannar, 2009 bejn il-*Malta Maritime Authority* u *Ports Foremen Cooperative Limited,* li permezz tiegħu ġie ppreċiżat illi l-MMA kienet ħarġet liċenzji ta' *foremen* lit-tliet atturi f'din il-kawża, sabiex dawn jipprovdu servizzi ta' *foremen* esklussivament lil Central Cement Limited skont it-termini tas-Service Level Agreement iffirmat bejn is-soċjetà konvenuta Central Cement Limited u t-tliet *foremen* atturi f'din l-istanza. F'dan il-ftehim ġie ppuntwalizzat ukoll li l-konċessjoni operata minn Central Cement Limited fi *Fuel Wharf,* il-Marsa kienet limitata għall-immaniġġjar ta' prodotti bbażati fuq is-siment:

> *"MMA confirm that the concession operated by Central Cement is limited to the handling of cement based products at Fuel Wharf, Marsa."*

Fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2015, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **John Mary Sammut**[11], *Managing Director* tas-soċjetà Central Cement Limited. Ix-xhud spjega li s-soċjetà rappreżentata minnu timporta materjal bħalma hu siment, żrar, ramel, *gypsum*, ħadid u materjal ieħor. Ix-xhud qal li fil-passat, kull xogħol li kienet timporta s-soċjetà konvenuta kien jinħadem minn żewġ individwi, Anthony Spiteri u Anthony Attard, u li kien x'kien il-materjal impurtat, ix-xogħol kien jinħadem kollu minnhom. Ix-xhud ikkonferma li llum il-ġurnata, is-soċjetà konvenuta taħdem minn *Fuel Wharf,* u li bħala *foremen* għandha lil Ivan Spiteri Lucas, Paul Sammut u Pierre Debono, u li għall-mument dawn mhumiex jaħdmu x-xogħol kollu tas-soċjetà konvenuta, iżda x-

[9] *A fol.* 100 tal-proċess.
[10] *A fol.* 110 tal-proċess.
[11] *A fol.* 127 tal-proċess.

xogħol tas-siment biss, għalkemm fil-passat dawn kienu jaħdmu wkoll materjal ieħor li kienet timporta s-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-liċenzja tal-atturi tgħid li huma jistgħu jagħmlu xogħol għal Central Cement Limited biss, u li x-xogħol irid jinħatt ġewwa *Fuel Wharf.* Ix-xhud qal li l-problemi nqalgħu meta waqt laqgħa ma' rappreżentant ta' Transport Malta u l-UĦM kienet inġibditlu l-attenzjoni li l-*foremen* atturi f'din l-istanza, setgħu jagħmlu biss xogħol ta' ħatt ta' siment. Madanakollu x-xhud qal ukoll li jekk kien hemm tali ftehim, hu qatt ma daħal fih, u allura jemmen li lilu ma jorbtux. Ix-xhud qal li x-xogħol l-ieħor tas-soċjetà konvenuta qiegħda taħdmu l-Kooperattiva. Qal ukoll li huwa kien safa mhedded minn uffiċjal ta' Transport Malta li jekk ma jaħdimx bil-*foremen* tal-Kooperattiva, ma kienx ser jingħata ħaddiema tax-Xatt biex jaħdem ix-xogħol tiegħu, bil-konsegwenza li ma jkunx jista' jħott ix-xogħol impurtat minn fuq il-vapuri. Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu, il-liċenzja tal-atturi tirrestrinġihom biex jaħdmu biss minn *Fuel Wharf,* u li dan ifisser li dawn ma jistgħux jagħmlu xogħol ta' siment band'oħra. Ix-xhud qal li l-ħlas lill-*foremen* jiġi stabbilit permezz ta' tariffa maħruġa minn Transport Malta, u tiġi ffissata għal kull tunnellata. Ix-xhud kompla jixhed fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2016[12], u qal li fil-25 ta' Novembru, 2014 kien hemm xi xogħol ta' ilma abbord vapur partikolari u meta talab għal *guy* ta' ħaddiema tax-Xatt sabiex iħottu l-merkanzija, hu ġie infurmat minn ċertu George Ciantar li jekk ma jaħdimx bil-*foremen* tal-Kooperattiva, ma kienx ser jingħata *guy* ta' ħaddiema tax-Xatt biex jaħdem. Effettivament dan kien ifisser li l-merkanzija ma setgħetx tinħatt minn fuq il-vapur, u li l-vapur ikollu jitlaq lura bil-merkanzija. Ix-xhud qal li kull darba li kien jitlob *guy* ħaddiema tax-Xatt biex ikun jista' jħott merkanzija li mhix siment, hu kien jintalab jaqla' *foreman* minn tal-Kooperattiva, u li jekk

[12] *A fol.* 134 tal-proċess.

ma jagħmilx hekk ma jingħatax ħaddiema tax-Xatt biex jaħdem. Ix-xhud qal li bħala kumpannija huma qatt ma ngħataw ir-raġuni li għaliha kienu qegħdin jintalbu jużaw *foremen* tal-Kooperattiva. Hu qal ukoll li bħala kumpannija ilhom jaħdmu mill-1982, u li dejjem kellhom il-*foremen* tagħhom biex jagħmlu x-xogħol. Madanakollu hu reġa' kkonferma li bħala kumpannija huma qatt ma ffirmaw xi tip ta' ftehim:

> "Meta kien hemm iċ-Chairman, Mark Portelli, kien għajjatli biex jagħmlu *agreement* il-*foremen* kollha. Kien tani *draft*. Jien urejtu lill-avukat tagħna u tlabnieh biex nibdlu paragrafu minnu. Fil-fatt qatt ma ġie lura u qal li imbagħad dan l-*agreement* ġie ffirmat bejn Transport Malta dak iż-żmien kien għadu Awtorità Marittima u l-Kooperattiva."

Ix-xhud qal ukoll li bħala kumpannija huma għandhom biss kopja tal-abbozz tal-ftehim u mhux kopja tal-ftehim attwali li ġie ffirmat. Mitlub jagħti informazzjoni dwar l-ammont ta' konsenji li nġiebu mis-soċjetà konvenuta minn barra u l-ammonti li tħallsu lill-*foremen* li ħadmuh, ix-xhud qal li bejn il-25 ta' Novembru, 2014 u t-8 ta' Frar, 2016, inħadmu 129,787.84 tunnellata ta' materjal li mhux siment, u li effettivament ifisser ħlas ta' €51,780.35[13] li spiċċaw tħallsu lill-*foremen* tal-Kooperattiva.

Fl-istess udjenza xehed wieħed mill-atturi, **Pierre Debono**[14], li kkonferma li hekk kif hu jinforma lill-awtoritajiet tal-Port li għandu ż-żrar biex jinħatt, hu jintalab javża lill-Kooperattiva sabiex din tipprovdi l-*foremen*. Hu qal li bis-sitwazzjoni kif inhi fil-preżent, jaf li m'għandux għalfejn jargumenta dwar dan.

[13] Skeda *a fol.* 141 u 142 tal-proċess.
[14] *A fol.* 143 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-4 ta' April 2016 xehed **Ivan Spiteri Lucas**[15], attur ieħor, li qal li hu kien preżenti għal xi laqgħat fejn ġiet diskussa din il-materja, u li fil-24 ta' Ottubru, 2014, hu, flimkien ma' Paul Sammut u Pierre Debono kienu marru għal laqgħa ma' Joe Paris, konsulent ma' Transport Malta li kien bagħat għalihom sabiex jiddiskuti l-problema li nħolqot meta ġiet stabbilita *cut-off date* tal-1 ta' Novembru, 2014 minn meta t-tliet atturi ma setgħux jibqgħu jaħdmu merkanzija ġenerali, iżda kienu kostretti jaħdmu siment biss. Ix-xhud qal li l-ġist kollu ta' din il-laqgħa kien li huma ġew infurmati li għalkemm ma jagħmlux parti minn dak il-ftehim, madanakollu huma kienu qegħdin fis-sitwazzjoni b'riżultat tiegħu. Ix-xhud qal ukoll li la hu u lanqas l-atturi l-oħrajn ma ffirmaw xi tip ta' ftehim. Di più huma lanqas kopja tiegħu m'għandhom. Mitlub jikkjarifika mill-Qorti, ix-xhud ikkonferma li għalkemm la kienu firmatarji u lanqas parti mill-ftehim, madanakollu huma ġew affettwati bih. Ix-xhud kompla:

> "L-*agreement* jgħid li fil-portijiet ta' Malta hawn sbatax-il *foreman* liċenzjat, sitta fil-Freeport u tlettax fil-Port il-Kbir. Aħna t-tlieta, jiena, Paul Sammut u Pierre Debono, *Fuel Wharf* u l-għaxra l-oħra li huma parti mill-Kooperattiva qegħdin fir-*remainder of the quays* … dawk jaħdmu l-Kooperattiva. Aħna biss naħdmu *Fuel Wharf.*"

Ix-xhud qal li s-Sur Paris kien allega li s-soċjetà konvenuta Central Cement Limited kellha ftehim ma' Transport Malta sabiex it-tliet atturi ma jitqabbdux aktar jagħmlu xogħol ta' *general cargo,* iżda biss xogħol ta' ħatt ta' siment u ta' prodotti tas-siment. Ix-xhud qal li minn *Fuel Wharf* tinħatt kull tip ta' merkanzija, minn fliexken tal-ilma sa materjal użat fil-kostruzzjoni. Ix-xhud qal li kien is-Sur Paris li kien qal li Central Cement mhix firmatarja fil-ftehim, u li l-

[15] *A fol.* 146 tal-proċess.

atturi twaqqfu mix-xogħol ta' merkanzija ġenerali minħabba fil-ftehim tal-2008 u li la kienet waqqfithom Transport Malta u lanqas Central Cement.

Fl-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2016, xehed **John Mary Sammut** prodott in kontroeżami mill-Awtorità konvenuta[16], li kkonferma li hu kien ilu jaħdem ma' Central Cement Limited sa mis-sena 1982, minn meta fetħet għan-negozju. Sar riferiment għax-xhieda li kien ta fit-3 ta' Diċembru, 2015 fejn ix-xhud kien qal li l-atturi kienu jagħmlu xogħol ta' ħatt ta' merkanzija ġenerali fix-xhur bejn Marzu u Novembru 2014, u saret domanda dwar x'kien ix-xogħol li kienu jagħmlu l-atturi fix-xhur ta' qabel. Ix-xhud wieġeb li għal żmien twil hu kellu żewġ *foremen* oħra, u li wara l-irtirar ta' wieħed minnhom, Transport Malta tat liċenzja lit-tliet atturi f'din il-kawża biex ikollhom liċenzja biex jaħdmu huma. Ix-xhud kompla li:

> "Li ġara imbagħad meta bdew jaħdmu meta kellna x-xogħol tas-siment kollu li kien jiġi impurtat hawn Malta, l-ex Chairman ta' Transport Malta, Mark Portelli kien talabni biex jekk nista' nqassam daqsxejn ix-xogħol u ngħaddi s-siment lill-*foremen* li huma tal-Kooperattiva. Jiena bħala rispett għaddejtu u bdew jaħdmu huma. Meta għadda ż-żmien u bdiet ġejja l-*competition* għalina u x-xogħol ta' siment ma baqax jinħadem minna imma minn terzi u x-xogħol naqas sostanzjalment, jiena tlabt li dak ix-xogħol li jidħol għalina, il-*concession* tagħna jaħdmuh il-*foremen* li kelli u li għandi assenjati bħala Central Cement."

Ix-xhud ikkonferma li l-perijodu li fih l-atturi kienu jagħmlu x-xogħol kollu, anki *general cargo*, kien ta' madwar tmien xhur. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-parti l-kbira tal-merkanzija impurtata minnhom tikkonsisti f'siment, madanakollu huma jimpurtaw ukoll kwantità ta' materjal użat fil-kostruzzjoni li, bħal ramel u żrar. Ix-xhud ikkonferma li preżentement hemm kumpannija

[16] *A fol.* 156 tal-proċess.

oħra li wkoll qiegħda timporta s-siment, u li jisimha UC Limited. Hu qal li din tħott il-materjal tagħha f'Laboratory Wharf.

Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2016 xehed **Joseph Paris**[17] li huwa *Chairman* tal-*Port Workers Board* u konsulent ma' Transport Malta fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħaddiema tal-Port. Ix-xhud qal li Central Cement għandha konċessjoni li bdiet fl-1995 sabiex jibnu *demountable storage* għas-siment fiż-żona konċessa lilhom. Ix-xhud qal li ma jafx jekk hemmx xi restrizzjonijiet fuq l-użu tal-moll inkwistjoni min-naħa ta' Central Cement. Paris qal li d-diżgwid ma' Central Cement Limited ma nqalax dwar l-użu tal-moll, iżda minħabba fil-ftehim li kien ġie ffirmat fl-2008, li ma kienx jippermetti li l-ħatt ta' merkanzija li mhix ibbażata fuq siment issir mit-tliet *foremen* li huma l-atturi f'din l-istanza, iżda minn *foremen* oħra. Ix-xhud esebixxa kopja tal-ftehim li għamel riferiment għalih fix-xhieda tiegħu[18] u kkonferma li Central Cement Limited mhix firmatarja tal-ftehim, u li l-ftehim kien sar bejn l-MMA, il-UĦM li kienet tirrappreżenta l-*licensed foremen*, u l-*licensed foremen*. Hu qal li t-tilwima kollha bejn l-MMA u l-UĦM bdiet wara li kien hemm erbgħa u għoxrin *foremen* u ġie deċiż li dawn għandhom jinqasmu bejn id-diversi portijiet, tlettax fil-Valletta Port, sitta jmorru l-Freeport u l-kumplament jinqasmu bejn il-portijiet l-oħra. Fl-istess ftehim kien hemm provvediment għal skema ta' irtirar kmieni għal dawk il-*foremen* li kienu qabżu ċerta età, liema skema għamel tajjeb għaliha l-Gvern. Ix-xhud qal li wara li ġie konkluż kollox, kien sar *addendum* għall-ftehim oriġinali sabiex jiġu inklużi t-tliet *foremen* atturi f'din il-kawża. Il-liċenzja tal-atturi nħarġet sabiex dawn jaħdmu esklussivament għal Central Cement:

---

[17] *A fol.* 163 tal-proċess.
[18] Immarkat bħala Dok. JP1 u Dok. JP2.

> "Se noħorġulhom il-liċenzja biex jaħdmu esklussivament għal Central Cement imbagħad donnhom dakinhar kienu qed jissoponu li jinqala' dak li nqala' llum. Żiedu paragrafu ieħor u qalu ħares, l-MMA qed tikkonferma li l-permessi li għandha Central Cement huma dawk biss li għandhom x'jaqsmu ma' siment u *other cement based products*. Jiġifieri qed jikkwalifika dan meta qed jgħidu tat-tliet *foremen* ta' nies jaħdmu ma' Central Cement u Central Cement x'permess għandha li taħdem u dik qed tikkwalifika li allura dawn it-tliet liċenzji ħarġu għas-siment ma' Central Cement."

Ix-xhud intalab jaqra lill-Qorti l-paragrafu tal-*addendum* li għamel riferiment għalih, li jgħid hekk:

> *"MMA confirm that the concession operated by Central Cement is limited to the handling of cement based products at Fuel Wharf, Marsa."*

Ix-xhud qal li l-qari ta' dan il-paragrafu jwassal għall-konklużjoni li t-tliet *foremen* huma ristretti f'dak li jistgħu jagħmlu. Mitlub jirreferi għal-liċenzja partikolari li ħarġet lill-atturi, ix-xhud qal li hu jaqbel li fil-liċenzji maħruġa m'hemm l-ebda restrizzjoni ħlief dwar il-lok fejn wieħed jista' jaħdem, u li l-liċenzja hi valida biss għal xogħol tal-Port li jsir fit-*terminal* operat minn Central Cement Limited fi *Fuel Wharf.* Ix-xhud qal li l-interpretazzjoni li jagħti hu lill-ftehim inkwistjoni hi li l-atturi jistgħu jaħdmu s-siment biss. Hu kompla li l-*port workers* jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-*Port Workers Board*, u li bħala *Chairperson* tal-Bord hu jieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum tal-*Port Workers*, u d-dixxiplina fir-rigward ta' kwistjonijiet li jkun hemm. Hu xehed li jekk ikun hemm il-ħtieġa, jsiru rakkomandazzjonijiet lil Transport Malta sabiex isiru t-tibdiliet. Ix-xhud approfondixxa dwar il-problema li nqalgħet, u qal li l-atturi qegħdin jilmentaw minn tnaqqis fix-xogħol tagħhom minħabba li issa hemm kumpannija oħra li qiegħda timporta s-siment, iżda li hu ma jistax isolvi l-problema ta' nuqqas fix-xogħol billi jwaqqaf lil ħaddieħor milli jkompli jagħmel

ix-xogħol li kien diġà qiegħed jagħmel, u ċjoè l-ħatt ta' merkanzija ta' materjal li mhumiex siment jew prodotti tas-siment. Ix-xhud ikkonferma li l-Awtorità konvenuta kienet infurmat lil Central Cement li jekk ma jimxux mal-ftehim li kien hemm, kienet ser tkun kostretta li ma tħallix *port workers* jaħdmu, bir-riżultat li l-merkanzija ma tinħattx. Ix-xhud kien jaf li kien hemm mandat ta' inibizzjoni ppreżentat mill-*Port Workers* sabiex Central Cement titwaqqaf milli tħott merkanzija li ma kinitx tikkonsisti minn siment, u li l-Qorti kienet ċaħdet dak il-mandat.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2016 xehed in kontroeżami **Ivan Spiteri Lucas**[19], wieħed mill-atturi, li kkonferma li l-atturi ngħataw l-liċenzja l-ewwel darba fl-2008 u li dejjem ħadmu għal Central Cement Limited. Hu kkonferma li sa mill-bidu nett li bdew jaħdmu mas-soċjetà konvenuta, din kienet timporta kemm prodotti tas-siment kif ukoll prodotti ta' merkanzija ġenerali, u li qabel l-2008 il-*foremen* li kienet tuża s-soċjetà konvenuta kienu missirijiet l-atturi. Ix-xhud ikkonferma li fiż-żmien li huma bdew jaħdmu x-xogħol ta' Central Cement fl-2008, ix-xogħol tal-merkanzija ġenerali kien jinħadem mill-*foremen* tal-Kooperattiva, u li huma kienu jaħdmu l-merkanzija in ġenerali fil-perijodu bejn il-11 ta' Marzu, 2014 u l-4 ta' Novembru, 2014. Ix-xhud ikkonferma li għalkemm l-atturi huma *self-employed*, huma assenjati ma' Central Cement Limited. Ix-xhud qal li hu kemm-il darba pprotesta mad-diriġenti ta' Central Cement minħabba li ma kienx jaqbel mal-mod kif kienet qiegħda tinħadem il-merkanzija. Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-rati li jitħallsu l-*foremen* joħorġu mil-*Legal Notice* u li sa fejn jaf hu, dawn japplikaw għall-*foremen* kollha.

[19] *A fol.* 178 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 xehed **Paul Sammut**[20] li wkoll ikkonferma li kemm kienu ilhom li ħadu l-liċenzja l-atturi, dawn dejjem ħadmu ma' Central Cement. Bħall-attur Ivan Spiteri Lucas, ix-xhud ikkonferma wkoll li fil-bidu li bdew jaħdmu ma' Central Cement, il-merkanzija ġenerali kienet tinħadem mill-*foremen* tal-Kooperattiva, u li qabel kien hemm individwi oħrajn li kienu jagħmlu dan ix-xogħol. Ix-xhud qal li biex l-atturi bdew jaħdmu l-merkanzija ġenerali għal ftit xhur fl-2014, kienu intalbu jagħmlu dak ix-xogħol mill-kumpannija Central Cement Limited, li huma jieħdu x-xogħol u l-istruzzjonijiet mingħandha. Ix-xhud esebixxa wkoll skeda[21] li tindika t-tunnellati ta' materjal li mhux siment li komplew jinħattu sat-18 ta' Diċembru, 2016, li b'kollox jammontaw għal 164,679.02 tunnellata, u l-ħlas li sar lill-*foremen* tal-Kooperattiva għal din il-merkanzija kien ta' €65,706.95.

Fl-istess udjenza xehed **Pierre Debono** in kontroeżami[22], li kkonferma li bħall-atturi l-oħrajn, huwa wkoll daħal jaħdem ma' Central Cement fl-2008 bħala *foreman*. Ix-xhud ikkonferma wkoll li bejn Marzu 2014 u Novembru 2014 hu flimkien mal-atturi l-oħrajn kien jagħmel xogħol fuq merkanzija ġenerali, u li dan kien sar fuq struzzjonijiet ta' Central Cement Limited. L-attur ikkonferma wkoll li hu qatt ma pprotesta mkien bil-miktub dwar il-fatt li l-merkanzija ġenerali ma kinitx tinħadem mill-atturi qabel l-2014.

Fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2017 xehed **Charles Cini**[23], prodott mill-Kooperattiva msejħa fil-kawża, li spjega li hu *foreman* tal-*port workers* u li xogħolhom jinvolvi l-ħatt tal-vapuri. Hu spjega li l-Kooperattiva hija grupp ta' għaxra min-nies li jaħdmu flimkien u li bis-saħħa tal-ftehim li kien sar fl-2008

[20] *A fol.* 185 tal-proċess.
[21] *A fol.* 190 sa 192 tal-proċess.
[22] *A fol.* 193 tal-proċess.
[23] *A fol.* 197 tal-proċess.

jaqdu l-ħtiġijiet kollha tal-portijiet lokali, minbarra tal-Freeport Terminal. Ix-xhud qal li hu kien involut fin-negozjati li ppreċedew il-ftehim tal-2008, u li dak iż-żmien il-*foremen* kienu ngħataw konċessjoni biex jaħdmu fil-portijiet kollha, minbarra fil-Freeport Terminal. Ix-xhud qal li l-atturi ma kinux involuti f'dan il-ftehim u dan minkejja li l-axxendenti tagħhom kienu wkoll jagħmlu dan ix-xogħol. Ix-xhud qal li fil-każ ta' missier Ivan Spiteri Lucas, Anthony Spiteri li kien fadallu biss ftit xhur biex jilħaq l-età tal-irtirar fl-2008, f'dak iż-żmien huma kienu tal-fehma li ladarba jirtira Anthony Spiteri, li kien jaħdem is-siment, il-*foremen* kollha tal-Kooperattiva kienu ser ikunu jistgħu jaħdmu s-siment. Madanakollu x-xenarju nbidel fl-2009, meta ġie deċiż li s-Central Cement taħdem is-siment tagħha bil-*foremen* tagħha, u dan kien ifisser telf ta' tliet mitt elf tunnellata fis-sena għall-Kooperattiva. Madanakollu, skont ix-xhud, is-*side agreement* kien li l-*foremen* l-oħrajn jaħdmu l-prodotti l-oħrajn kollha tas-Central Cement huma. Ix-xhud qal ukoll li Anthony Spiteri kien jattendi għal-laqgħat kollha li saru qabel twaqqfet il-Kooperattiva, iżda li dan min-naħa tiegħu ma kienx iffirma l-ftehim li sar u lanqas ma daħal membru tal-Kooperattiva. Ix-xhud qal li mill-ftehim tal-2008 joħroġ li l-*foremen* kollha li huma membri tal-Kooperattiva kellhom dritt jaħdmu x-xogħol kollu, iżda li bl-*addendum* tal-2009 kienu ċedew li s-siment jinħadem mill-atturi.

Ix-xhud **Orlando Attard** li xehed bil-proċedura tal-*affidavit*[24], qal li huwa *foreman* tal-ħaddiema tax-Xatt, u li kien ingħata l-liċenzja ta' *foreman* fl-2008, u ngħaqad mal-Kooperattiva fl-1 ta' Frar, 2009. Ix-xhud qal li missieru kien jaħdem fil-ħatt tas-siment flimkien ma' Anthony Spiteri, missier wieħed mill-atturi. Hu qal li qabel l-2008, Central Cement kienet tħott xogħol ta' siment biss, iżda wara li saret ir-riforma tax-Xatt fl-2008, is-Central Cement bdiet

[24] *A fol.* 203 tal-proċess.

tħott ukoll materjal anċillari, bħal żrar u ramel. Ix-xhud qal li meta ġie ffirmat l-*addendum* fl-2009 kien intlaħaq ftehim li l-*foremen* tas-Central Cement jaħdmu x-xogħol tas-siment u li l-Kooperattiva taħdem il-ġeneru l-ieħor kollu. Madanakollu f'Marzu tal-2014, John Mary Sammut kien informa lill-Kooperattiva li x-xogħol ta' ħatt ta' merkanzija ġenerali kien ser jibda jinħadem mill-*foremen* ta' Central Cement Limited, l-atturi f'din il-kawża. Ix-xhud qal li d-direttiva li ngħatat minn Transport Malta kienet li l-merkanzija ġenerali kellha tinħadem mill-*foremen* tal-Kooperattiva, filwaqt li l-*foremen* ta' Central Cement Limited kellhom jaħdmu s-siment biss.

Il-Kooperattiva msejħa fil-kawża ppreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Gaetano Vella**[25], li kien Segretarju Ġenerali tal-UĦM, li l-Kooperattiva hija membru tagħha. Ix-xhud qal li qabel ir-riforma tal-portijiet, il-*foremen* kienu jaħdmu b'mod individwali, u kienu jaħdmu fil-portijiet kollha, inkluż ix-xogħol tal-Freeport. Bir-riforma li saret, il-Gvern ried li x-xogħol li jinħatt fil-Freeport Terminal jibda jinħadem min-nies tal-Freeport. Bħala kumpens għat-tnaqqis tax-xogħol tal-Freeport, il-Kooperattiva ngħatat konċessjoni li tibda taħdem fil-portijiet kollha, bl-esklużjoni tal-Freeport. Ix-xhud qal li lejn l-aħħar tas-sena 2008 inqalgħet kwistjoni mal-Malta Maritime Authority minħabba li kienu nħarġu liċenzji lil tliet *foremen* sabiex jaħdmu ma' Central Cement b'mod esklussiv.

> "Kien hemm diversi laqgħat u negozjati, iżda fl-aħħar il-partijiet ftiehmu li jiġi ffirmat *Addendum* sabiex il-Kooperattiva ċċedi li taħdem is-*cement based products* tas-Central Cement bil-kundizzjoni li s-servizz ta' *foremen* ta' dawn it-tliet *foremen* ikun limitat għall-prodotti tas-siment biss u li l-Kooperattiva titħalla taħdem ix-xogħol kollu l-ieħor li jinżel il-*Fuel Wharf*, il-Marsa.

[25] *A fol.* 209 tal-proċess.

A bażi ta' dan il-ftehim, f'Jannar tas-sena 2009 ġie ffirmat *addendum*, li għalkemm minix firmatarju tiegħu, naf li l-kontenut tiegħu, li jistabbilixxi proprju li dawn il-*foremen* li xtaqet tħaddem is-Central Cement Limited jitħallew jaħdmu *cement-based products* biss u l-Kooperattiva taħdem il-kumplament tal-Portijiet bl-esklużjoni tal-Freeport Terminal. Fil-fatt, għal snin sħaħ dan il-ftehim ġie rispettat kemm mill-Kooperattiva, l-Awtorità kif ukoll mis-Central Cement Limited minkejja li ma kinux parti mill-ftehim."

Xhud ieħor prodott mill-Kooperattiva msejħa fil-kawża, **Paul Gafa**, li huwa wkoll wieħed mill-*foremen* tal-Kooperattiva, xehed fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017[26] u qal li l-idea tal-membri tal-Kooperattiva kienet li ladarba jirtira Anthony Spiteri, missier wieħed mill-atturi, ix-xogħol tas-siment jibda jinħadem mill-Kooperattiva. Iżda meta fl-2009 kienu ngħataw liċenzji lit-tliet atturi, kien hemm *addendum* għall-ftehim oriġinali li bis-saħħa tiegħu ġie deċiż li l-Kooperattiva ċċedi l-ħatt tas-siment, u x-xogħol l-ieħor kollu jaħdmuh il-membri tagħha.

Fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti kellha l-opportunità tisma' għadd ta' xhieda u kontro-żamijiet. **Josef Vella**[27], Kap Eżekuttiv tal-UĦM, qal li bħala Union huma joffru servizz industrijali lill-Kooperattiva, u li meta tinqala' xi kwistjoni jew tilwima, il-Kooperattiva dejjem tirreferi l-problema li jkollha lill-Union. Qabel l-2014 jidher li ma kienx hemm problemi li kienu jirrikjedu l-intervent tal-Union. Iżda fl-2014 kienet saret allegazzjoni min-naħa tal-Kooperattiva li xogħol li kien tal-*foremen* membri tagħha kien qiegħed jinħadem mill-*foremen* ta' Central Cement Limited. Ix-xhud qal li l-liċenzji jinħarġu minn Transport Malta, u li l-ftehim kemm tal-2008 u l-*addendum* ta' miegħu, it-tnejn kienu saru mal-Awtorità ta' dak iż-żmien, li hija l-istess awtorità li toħroġ il-liċenzji.

[26] *A fol.* 211 tal-proċess.
[27] *A fol.* 216 tal-proċess.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **John Mary Sammut**[28] li kkonferma li wieħed mill-atturi, Paul Sammut, huwa t-tifel tiegħu. Mistoqsi jekk il-konċessjoni li ngħatat Central Cement fl-1995 kinitx limitata għal xogħol ta' siment biss, ix-xhud wieġeb li huma dakinhar kienu diġà jħottu materjal ieħor li ma kienx siment. Hu xehed li qabel l-2008, ix-xogħol kollu kien isir minn żewġ *foremen*, Anthony Spiteri u Anthony Attard li kienu jagħmlu x-xogħol kollu, inkluż dak li ma kienx siment. Ix-xhud qal li Central Cement ma kinitx firmatarja tal-ftehim imsemmi, u li minkejja li bejn l-2008 u Marzu tal-2014 hu kien juża l-*foremen* tal-Kooperattiva għall-ħatt ta' merkanzija ġenerali, dan kien jagħmlu sabiex jibbilanċja l-affarijiet u mhux għax hu ried jonora xi ftehim li lanqas biss kien iffirma. Ix-xhud qal ukoll li fil-11 ta' Marzu, 2014 hu kien iddeċieda li jqabbad lill-*foremen* li kellu miegħu sabiex jaħdmu x-xogħol kollu tal-kumpannija, inkluż dak li ma kellux x'jaqsam ma' siment.

Il-Qorti semgħet ukoll lil **Ivan Spiteri Lucas** jixhed in kontroeżami[29] li qal li hu applika għal-liċenzja wara li kien segwa kors fl-MCAST minkejja li hu kien impjegat ma' missieru meta dan kien *foreman* tax-Xatt. Ix-xhud esebixxa skeda tad-danni aġġornata sal-1 ta' Diċembru, 2017 li kienet tindika li l-merkanzija ġenerali li nħattet mill-*foremen* tal-Kooperattiva, li kienet tlaħħaq il-211,539.21 tunnellata u li dan kien ifisser ħlas ta' €84,404.15 lill-*foremen* tal-Kooperattiva li ħadmuha.

Fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018, xehed **Dr Robert Vassallo**[30], uffiċjal ta' Transport Malta, li qal li kull wieħed mill-atturi għandu kundizzjoni fuq il-liċenzja tiegħu li tgħid li jista' jagħmel biss xogħol ta' Central Cement Limited,

[28] *A fol.* 221 tal-proċess.
[29] *A fol.* 225 tal-proċess.
[30] *A fol.* 233 tal-proċess.

li topera l-moll tas-siment. Ix-xhud qal li l-liċenzja ta' kull wieħed mill-atturi nħarġet biex tirrifletti l-operat tal-operatur li huma jaħdmu miegħu. Ix-xhud qal li fl-2013 kien inqala' diżgwid minħabba li Central Cement riedet tħott bastiment partikolari bil-*foremen* tagħha, l-atturi. Ix-xhud ikkonferma li l-liċenzja li għandhom l-atturi hija identika għal dik li kellhom fl-2008, sabiex jaħdmu x-xogħol ta' Central Cement Limited, u li l-atturi qatt ma ffirmaw xi tip ta' ftehim ma' Transport Malta jew ma' xi ħadd ieħor li jimponi fuqhom restrizzjonijiet fuq kif jagħmlu x-xogħol tagħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti kkunsidrat l-evidenza kollha miġjuba fil-kawża, id-dokumenti esebiti u dak li qalu d-diversi xhieda li taw il-verżjoni tagħhom tal-fatti, u partikolarment l-interpretazzjoni tagħhom għall-ftehim milħuq bejn id-diversi partijiet interessati. Jirriżulta li għal diversi snin l-atturi kienu kuntenti jagħmlu biss xogħol għal Central Cement Limited marbut mas-siment u ma' prodotti bbażati fuq is-siment, tant li bejn l-2008, is-sena li fiha ngħataw l-liċenzja u Marzu tal-2014, l-atturi ħadmu esklussivament fuq is-siment. Jidher li l-fatt li llum hemm kumpannija oħra li hi wkoll qiegħda timporta s-siment, u għalhekk is-siment ma baqax id-dominju esklussiv tas-soċjetà konvenuta, nissel biżgħa fl-atturi li x-xogħol ser jibda jonqos u dan wassal biex l-atturi fetħu l-proċeduri odjerni fejn qegħdin ifittxu li jiksbu dikjarazzjoni mill-Qorti li huma sofrew danni li jlaħħqu eluf kbar ta' Euro, u dan minħabba li wara perijodu ta' madwar tmien xhur li fih huma kienu qegħdin jaħdmu l-materjal kollu impurtat minn Central Cement Limited, huma twaqqfu milli jkomplu jagħmlu

xogħol ta' merkanzija ġenerali u minflok intalbu jaħdmu esklussivament fuq is-siment u prodotti tas-siment.

L-atturi jgħidu li kwalsiasi ftehim li sar bejn terzi u li jillimita x-xogħol li jagħmlu huma, m'għandux jaffettwahom u dan minħabba li huma ma kinux firmatarji tal-ftehim milħuq bejn id-diversi partijiet interessati. Madanakollu għall-Qorti huwa ċar li b'konsegwenza tal-ftehim li ntlaħaq bejn terzi, ġew affettwati l-atturi u l-mod kif dawn jistgħu jaħdmu, tant li l-*addendum* għall-ftehim oriġinali li kien sar fit-2 ta' Frar, 2008, (l-*addendum* ġie ffirmat fit-8 ta' Jannar, 2009), kien sar proprju sabiex jittratta s-sitwazzjoni tat-tliet atturi odjerni, li kienu għażlu li ma jissiħbux fil-Kooperattiva, iżda minflok għażlu li jiffirmaw *Service Level Agreement* mas-soċjetà konvenuta, li jirregola proprju l-operat tas-soċjetà konvenuta li huma għażlu li jassoċjaw ruħhom magħha b'mod esklussiv a kuntrarju tal-kumplament tal-*foremen* li ssieħbu f'Kooperattiva. Il-Qorti tqis illi l-imsemmi ftehim u *addendum* m'għandhomx jitqiesu li huma *res inter alios acta* fil-konfront tal-atturi, anzi għandhom jitqiesu li jirriflettu l-*modus vivendi* ossija l-*modus operandi* li qablu fuqu l-partijiet kollha interessati fil-kwistjoni, inkluż l-atturi, li jirregola l-operat tat-tlettax-il *foremen* tax-Xatt bħala parti mill-kompromess li abbażi tiegħu seħħet ir-riforma tal-portijiet li kienet saret lejn nofs is-snin disgħin.

Fil-fatt jidher li l-ftehim li ġie ffirmat fit-2 ta' Frar, 2008, bejn il-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjonijiet min-naħa l-waħda, u l-UĦM, u tnejn mil-*licensed foremen* fuq in-naħa l-oħra, ġie ffirmat qabel il-kisba ta' xi liċenzja mill-atturi. Dan il-ftehim huwa wieħed ġenerali, u jfittex li jirregola l-pożizzjoni tad-diversi *licensed foremen* li jaħdmu fil-portijiet Maltin, billi jiġborhom f'Kooperattiva. Sussegwentement għal dan il-ftehim u t-twaqqif tal-

Kooperattiva, l-atturi kisbu l-liċenzji tagħhom u minħabba fir-rabtiet li jidher li diġà kellhom ma' Central Cement Limited, dawn ġew liċenzjati sabiex jaħdmu speċifikament mas-soċjetà konvenuta. Il-ftehim tat-8 ta' Jannar, 2009, wara li fil-preambolu tiegħu jsemmi l-ftehim li diġà kien hemm, dak tat-2 ta' Frar, 2008, u l-fatt li tlettax (13)-il *licensed foremen* kien biżżejjed biex iservu l-portijiet kollha ta' Malta ħlief il-Malta Freeport Terminals, jagħmel riferiment għall-applikazzjoni li kienet saret minn Central Cement Limited ħalli t-tliet atturi jiġu liċenzjati sabiex jaħdmu magħha, u jistabbilixxi hekk:

> *"Now THEREFORE the parties[31] hereby agree as follows:*
>
> *MMA issued foremen licences in favour of Mr. Pierre Debono, Mr. Paul Sammut and Mr. Ivan Spiteri Lucas to provide foremen services exclusively to Central Cement in terms of a Service Level Agreement to be entered into between Central Cement and the three foremen.*
>
> *MMA confirm that the concession operated by Central Cement is <u>limited to the handling of cement based products at Fuel Wharf, Marsa</u>.[32]"*

Kemm l-atturi, kif ukoll is-soċjetà konvenuta, jargumentaw li dan il-ftehim lilhom ma jorbothomx minħabba li huma ma kinux firmatarji għalih. Madanakollu s-soċjetà konvenuta diġà kellha ftehim mal-Malta Maritime Authority, li bis-saħħa tiegħu ħadet konċessjoni ta' parti mill-Port, speċifikament is-sit magħruf bħala *Fuel Wharf*, li kien ġie ffirmat fit-3 ta' Lulju, 1995, li speċifikament jgħid li l-konċessjoni tas-sit kienet qiegħda ssir b'rabta ma' faċilitajiet għall-ħażna ta' siment[33]:

[31] Il-Malta Maritime Authority u l-Ports Foremen Cooperative Limited.
[32] Enfasi ta' din il-Qorti.
[33] Klawsoli 9 u 10 tal-ftehim.

> *"9. The Authority shall grant to the Concessionaire a temporary concession to erect, manage and operate a cement storage facility in compliance with the laws and regulations in force in Malta;*
>
> *10. The Concessionaire shall execute the discharge of cement in bulk from a vessel into a demountable storage facility erected on the Site through his own provision of pneumatic unloading plant or other similar equipment onto public vehicles."*

Il-qari akkurat ta' dan il-ftehim, li hu l-ftehim li jippreċedi kull ftehim ieħor li sar bejn il-partijiet jew uħud minnhom, iwassal għall-konklużjoni li l-konċessjoni li għandha Central Cement Limited hija limitata għal operat li għandu x'jaqsam mal-ħatt tas-siment, u li l-ftehim li din kellha mar-regolatur (l-MMA) kien sabiex bħala importatur tas-siment, ix-xogħol tagħhom jiġi ffaċilitat bl-għotja ta' sit għall-ħażna tas-siment impurtat. Kwalsiasi ftehim li Central Cement Limited laħqet ma' terzi, partikolarment mal-atturi f'din l-istanza, kien fl-ambitu ta' dan il-ftehim oriġinali li bis-saħħa tiegħu ngħatat il-konċessjoni ta' sit sabiex tkun tista' topera s-soċjetà konvenuta.

Meta Transport Malta, li ssuċċediet fl-obbligi u d-drittijiet li kellha l-Malta Maritime Authority, ħarġet liċenzja lill-atturi li tgħid li "din il-liċenzja hi valida biss għal xogħol tal-Port li jsir fit-*terminal* operat mis-Central Cement Limited"*,* dik il-liċenzja kienet qiegħda tingħata fl-ambitu tal-konċessjoni li kellha Central Cement Limited li tuża s-sit konċess lilha fil-Port fi *Fuel Wharf* għall-ħatt tas-siment u prodotti tas-siment u għall-ebda tip ta' merkanzija oħra. Il-fatt li Central Cement Limited qiegħda timporta materjal ieħor, li mhux siment, m'għandux jinċidi fuq ir-restrizzjonijiet li Transport Malta imponiet fuq Central Cement Limited innifisha, u fuq ix-xogħol li jista' jsir mill-atturi, għaliex ir-raġuni ewlenija li għaliha Central Cement Limited ingħatat is-sit u sussegwentement il-*foremen* atturi f'din il-proċedura, kienet sabiex jinħadem

ix-xogħol tas-siment. Għall-Qorti l-interpretazzjoni li qiegħda tingħata kemm minn Transport Malta kif ukoll mill-Kooperattiva, liema interpretazzjoni hija msaħħa mix-xhieda li taw l-esponenti tal-UĦM, kif ukoll diversi mix-xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri, hija waħda korretta. L-atturi ma ssiħbux fil-Kooperattiva sabiex iżommu l-assoċjazzjoni esklussiva tagħhom ma' Central Cement Limited, u jibqgħu jaħdmu x-xogħol tas-siment. Il-fatt li llum Central Cement Limited għandha kompetitur u hemm riskju li x-xogħol għall-atturi jonqos, ma jfissirx li r-restrizzjonijiet li joħorġu kemm mill-ftehim li permezz tiegħu Central Cement Limited ngħatat konċessjoni ta' parti mill-Port sabiex tkun tista' tħott il-merkanzija tagħha u lanqas li r-restrizzjonijiet li joħorġu mill-prattiċi tax-xogħol fil-Port li jorbtu wkoll lill-atturi, m'għadhomx jibqgħu jgħoddu.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi aġir illeċitu da parti tal-Awtorità konvenuta jew tal-Kooperattiva li għandu jiġi ċċensurat, u għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta Central Cement Limited;**

**2. Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta;**

**3. Tilqa' t-tielet, il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-Kooperattiva konvenuta, limitatament sa fejn din teċċepixxi li m'hemm l-ebda danni li ġew sofferti mill-atturi u li konsegwentement hi m'għandhiex tagħmel tajjeb għal ebda danni;**

**4. Tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u s-soċjetà konvenuta Central Cement Limited.**

Moqrija.